MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru. 67/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Alfred Camilleri**

Kumpilazzjoni Numru: 67/2011

Illum 5 ta' Dicembru 2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Alfred Camilleri**, ta' hamsa u sittin (65) sena, iben Joseph u Rita neé Mercieca, imwieled Xaghra, Ghawdex, nhar it-3 ta' Gunju 1945 u joqghod No. 29, Triq Frangisk Camilleri, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 49845G, akkuzat talli nhar it-28 ta' Mejju 2011,

gewwa x-Xaghra Ghawdex u gewwa r-Rabat Ghawdex f'hinijiet differenti;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-pesuna ta' Emmanuel Camilleri (ID. No. 3033G) hekk skond kif gie iccertifikat minn Dr. J. Vella MD.;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perilu car ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Fortunato Camilleri (ID. No. 2163G) hekk skond kif gie iccertifikat minn Dr. J. Vella MD.;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-persuni ta' Emmanuel Camilleri u Fortunato Camilleri (Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja lil Emmanuel Camilleri (Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Emmanuel Camilleri (Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied (Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta' Lulju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 214, 215, 216(1)(a), (b), (d) u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Artikoli 214, 215, 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 339(1)(d), (e) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tallum, l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u semghet ukoll lill-parte civile jiddikjaraw li kienu qeghdin jaghzlu li ma jixhidx fil-konfront tal-imputat u li kienu qed jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta' provi, u fir-rigward tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

Finalment, in segwitu ta' dak dikjarat mill-*parte civile*, fejn irrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------